

32000D0407

27.6.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 154/34

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-19 ta' Ġunju 2000
dwar il-bilanċ bejn is-sessi fil-kumitati u l-gruppi ta' l-esperti stabbiliti minnha

(notifikata fid-dokument numru Ċ(2000) 1600)

(2000/407/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 2 tat-Trattat, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija waħda mix-xogħlijiet li trid tiġi promossa mill-Komunità.
- (2) Skond l-Artikolu 3 tat-Trattat, fl-attivitajiet kollha tagħha il-Komunità għandha timmira li telimina l-inugwaljanza, u li tmexxi 'l quddiem l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa.
- (3) Minkejja r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 96/694/KE tat-2 ta' Diċembru 1996 dwar il-bilanċ tal-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet⁽¹⁾, in-nisa għadhom mhumiex irrappreżentati biżżejjed fil-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet, li jinkludu dawk stabbiliti mill-Kummissjoni⁽²⁾.
- (4) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 1994 dwar in-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet talbu lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jieħdu azzjoni speċifika f'dan il-qasam u kienet segwita mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 1995 dwar il-parteċipazzjoni b-bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet.
- (5) L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija essenzjali għad-dinjità tal-bniedem u għad-demokrazzija, u tikkostitwixxi prinċipju fundamentali fil-liġijiet tal-Komunità, fil-kostituzzjonijiet u l-liġijiet ta' l-Istati Membri, u fil-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej.
- (6) Il-Kummissjoni adottat politika ta' *gender mainstreaming* u l-inkorporazzjoni ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet u l-politiki kollha tal-Komunità.
- (7) Fir-Raba' Konferenza Dinija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa (Beijing 1995), il-Komunitajiet Ewropej intrabtu li jippromwovu n-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet.
- (8) Il-Kunsill ta' l-Ewropa, fir-Rakkomandazzjoni 1413 ta' l-1999 jirrakkomanda lill-Istati Membri tiegħu illi jiksbu rappreżentanza indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fil-ħajja privata u pubblika.

- (9) Fil-Konferenza ta' l-UE f'Pariġi fis-17 ta' April 1999 dwar in-nisa u l-irġiel fil-poter talbet lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-osservanza ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel rigward il-ħatriet fil-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet.
- (10) Huwa xieraq li jiġu adottati miżuri speċifiċi sabiex jippromwovu l-bilanċ fil-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet bil-għan li jwasslu għall-ugwaljanza fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel.
- (11) Il-Kummissjoni diġà impenjat ruħha illi tilħaq il-perċentwal ta' 40 % għan-nisa fil-kumitati kollha u fil-listi tan-nies magħżula fil-qasam tar-riċerka⁽³⁾. Dan il-għan għandu jiġi segwit fl-oqsma l-oħra, fil-gruppi ta' l-esperti u fil-kumitati stabbiliti mill-Kummissjoni.
- (12) Din id-deċiżjoni ma għandha tapplika għall-ebda kumitat li jidħol fl-iskop tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni⁽⁴⁾,

TIDDEĊIEDI:

L-Artikolu 1

Din id-deċiżjoni tapplika għall-gruppi ta' esperti u għall-kumitati stabbiliti mill-Kummissjoni. Tkopri gruppi ta' esperti u kumitati maħluqa ġodda kif ukoll dawk li diġà jeżistu.

L-Artikolu 2

Il-Kummissjoni timpenja ruħha illi toħloq bilanċ bejn is-sessi fil-gruppi ta' l-esperti u l-kumitati stabbiliti minnha. Il-għan fuq skond medju huwa li jintlaħqu mill-inqas 40 % tal-membri ta' sess wieħed f'kull grupp ta' esperti u fil-kumitati.

Għall-gruppi ta' esperti u l-kumitati li diġà jeżistu, il-Kummissjoni timmira li tindirizza l-bilanċ bejn is-sessi f'kull bidla ta' membru u meta jagħlaq l-iskond ta' membru tal-grupp ta' l-esperti jew tal-kumitat.

⁽¹⁾ ĠU L 319, ta' l-10.12.1996, p. 11.

⁽²⁾ COM(2000)120 finali.

⁽³⁾ COM (1999)76 finali.

⁽⁴⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

L-Artikolu 3

Tliet snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni preżenti l-Kummissjoni għandha terġa' tirrevedi l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tippubblika rapport, li għandu jinkludi analiżi statistika tal-bilanċ bejn is-sessi fil-gruppi ta' l-esperti u l-kumitati. Skond ir-riżultat ta' din ir-reviżjoni l-Kummissjoni għandha, fl-istess waqt, tieħu kull azzjoni approprijata.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2002.

Għall-Kummissjoni

Anna DIAMANTOPOULOU

Membru tal-Kummissjoni
